# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' April 2023**

**Kawza Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 896/2016 JVC**

**Anthony Dimech**

**vs**

**Karol Grech u Salahiddin M Mohammed Al Taroug u b'digriet tat-12 ta' Mejju 2017 is-socjeta' Elmo Insurance Limited [C-3500] kienet awtorizzata tintervjeni in statu et terminis u b'digriet tat-28 ta' Marzu, 2018 giet imsejha fil-kawza s-socjeta' Mapfre Middlesea plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Anthony Dimech kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi fil-21 ta' Marzu 2015 gewwa Triq Tal-Barrani, Hal-Tarxien sehh incident tat-traffiku bejn il-vettura ACC 932 misjuqa minn Salahiddin M Mohamed Al Taroug assikurata mas-socjeta assikuratrici Mapfre Middlesea Plc., u l-vettura numru ta' registrazzjoni KBJ 872 misjuqa mill-intimat Karol Grech u assikurata mall-Elmo Insurance Limited. Bhala konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura numru KBJ 872 qabzet ic-central strip u habtet mall-vettura numru AAF 389 misjuqa u propjeta tar-Rikorrenti Anthony Dimech, bir-risultat li l-vettura tar-rikorrenti giet dannegjata konsiderevolment f' dan l-incident u l-istess Rikorrenti sofra griehi ta' natura permanenti.

2. Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-esponenti sofra griehi ta' natura serja li waslu ghal debilita permanenti fil-grad ta' 12% skond kif iccertifika t-Tabib Massimo Abela wara li ezamina lill-esponenti.

3. Illi ghal dan l-incident jahtu biss l-intimati jew minn minnhom u dana billi huma kien qed isuq il-vetturi taghhom b' mod negligenti u imprudenti meta l-vettura numru KBJ 872 habtet fil-vettura numru AAF 389 misjuqa mir-Rikorrenti, li dak il-hin kienet qed tinsaq minnhu b' mod regolari u skond ir-regolamenti tat-traffiku fuq in-naha taghha tat-triq, u dana kollu kif sejjer jigi ampjament pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

4. Illi l-intimat ghalkemm interpellat tramite l-assikurazzjoni taghhom sabiex jaddivjenu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqaw inadempjenti;

5. Illi dawn il-fatti huma maghrufa personalment lill-esponenti.

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett ghaliex din il-Qorti ma' ghandiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara lill-intimati jew minn minnhom jigu dikjarati unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u d-danni relattivi minhabba traskuragini u negligenza, kif premess;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti Anthony Dimech okkorrendo permezz ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom jhallasu lill-esponenti, Anthony Dimech, dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni flimkien mall-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' Ittra bonarja 26 ta' Lulju 2016, kontra l-intimat li jibqaw minn issa ingunti ghas-subizjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Karol Grech li taqra kif isegwi:

1. ‘Illi d-domandi tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-konvenut ma jahti xejn ghall-incident in kwistjoni u lanqas ghall-infortunju, u dan peress illi l-incident mertu ghal din il-kawza ma sehhx minhabba negligenza da parti tieghu. Il-fatt li -konvenut tilef il-kontroll tal-vettura ma jfissirx li kien qieghed isuq b'mod negligenti;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal-premess, l-incident gie kkawzat b'rizultat ta' negligenza min-naha tal-konvenut Salahiddin M Mohammed Al-Taroug peress li dan qaleb il-lane b'mod negligenti ghall-fuq il-karozza tal-esponenti u habat mieghu, u b' kawza ta’ hekk l-esponenti tilef il-kontroll tal-karozza tieghu, qabez is-central strip u habat gol-karozza ta' l-attur;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, anka kieku kellu jigi ritenut li l-konvenut Karol Grech huwa responsabbli ghall-incident in kwistjoni, ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza li l-attur Anthony Dimech ma sofriex minn persentagg ta' debilita' permanenti kif qieghed jallega;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, d-danni allegati ghandhom jigu pruvati skont il-ligi, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

5. Illi l-esponenti jaf b’dawn il-fatti personalment;

6. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-atturi, li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.’

Rat illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 12 ta' Mejju, 2017 dik il-Qorti awtorizzat lis-socjeta' Elmo Insurance Limited sabiex bhala socjeta' assikurattiva tal-vettura KBJ 872 misjuqa mill-intimat Karol Grech tintervejni in statu et termini fil-kawza.

Rat li fil-verbal tad-29 ta' Mejju, 2017, din il-Qorti diversament preseduta nnominat lil Mr Carmel Sciberras sabiex wara li jezamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenza tal-incident imsemmi fir-rikors mahluf fuq l-istat ta' sahha tal-attur u jekk konsegwenza tal-istess incident l-attur garrabx xi debilita permanenti u f'liema grad a spejjez provizorjament ghall-attur.

Rat illi permezz ta'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 14 ta' Frar, 2018 is-socjeta' Mapfre Middlesea plc bhala socjeta' assikuratrici tal-vettura misjuqa mill-intimat Salahiddin M Mohammed Al Taroug giet awtorizzata tintervjeni in statu et terminis izda mhux li tiprezenta risposta fl-atti, liema digriet izda gie revokat fil-verbal tat-18 ta' Mejju 2018 stante li l-istess socjeta' giet kjamata fil-kawza.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamata fil-kawza (digriet datata 28 ta' Marzu, 2018 fol. 236) Mapfre Middlesea plc li taqra kif isegwi:

'A. Eccezzjonijiet

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti hekk kif diretti fil-konfront tas-socjeta esponenti bhala assiguratrici tal-intimat Salahhidin M Mohammed Al Taroug huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

2. Illi l-incident stradali li sehh fil-21 ta' Marzu 2015 gewwa Triq Tal-Barrani, Hal-Tarxien waqt li l-intimat Salahhidin M Mohammed Al Taroug kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACC 932 assigurata mas-socjeta esponenti ma garax minhabba sewqan negligenti jew imprudenti da parti tal-intimat Salahhidin M Mohammed Al Taroug, izda sehh tort unikament tal-intimat l-iehor Karol Grech li kienet qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBJ 872 fil-hin tal-istess incident, u dana minhabba li kien qed isuq il-vettura tieghu b'negligenza, traskuragni, non-kuranza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

3. Illi in vista tal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent in linea ta' danni mill-intimati;

4. Illi, f'kull kaz, kwalsiasi danni ghandhom ikunu reali u pruvati sal-grad rikjest mil-Ligi;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.'

Rat illi l-intimat Salahiddin M Mohammed Al Taroug debitament notifikat permezz tal-proceduri tal-pubblikazzjoni u affissjoni baqa ma prezenta l-ebda risposta w'ghalhekk huwa kontumati fil-proceduri segwenti. Tirrileva izda li s-socjeta' assikurattiva tieghu Mapfre Middlesea plc giet kjamata fil-kawza u prezentat risposta hi ghall-pretensjonijiet tar-rikorrent fil-konfront tal-istess Al Taroug.

Rat illi fil-verbal datat 28 ta' Gunju 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh nhar il-21 ta' Marzu, 2015 ghall-habta tad-9.00p.m. fi Triq tal-Barrani, Tarxien li fih kienu nvoluti tlett vetturi AAC 932 Toyota Vitz misjuqa mill-intimat Salahiddin M. Mohamed Al-Taroug, AAF 389 Opel Astra misjuqa mir-rikorrent Anthony Dimech u Honda Prelude KBJ 872 misjuqa minn Karol Grech. Fl-incident wegghu gravi kemm ir-rikorrent odjern Anthony Dimech u l-intimat Karol Grech. Permezz tal-kawza odjerna r-rikorrent Anthony Dimech isostni li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-incident originali ghaliex kien qed isuq fil-karreggjata opposta izda wara li z-zewg vetturi l-ohra habtu, il-vettura ta' Karol Grech qabzet fil-karreggjata opposta u habtet mal-vettura tal-rikorrent. Ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara r-responsabilta' tal-incident fuq l-intimati jew min minnhom u jitlob li jigu likwidati d-danni sofferti minnu rizultat tad-disabilita' permanenti sofferta minnu.

L-intimat Grech jeccepixxi li r-responsabilta' tal-incident tinkombi fuq l-intimat l-iehor Al Taroug u li r-rikorrent fi kwalunkwe kaz irid jipprova d-danni allegatament sofferti. Is-socjeta' kjamata fil-kawza Mapfre Middlesea plc bhala socjeta' assikjuratrici tal-intimat Al Taroug teccepixxi li l-incident sehh b'tortijiet unikament imputabbli lil Karol Grech.

**Provi dwar l-incident kif ukoll dwar id-disabilita' permanenti sofferta:**

Il-Qorti rat ir-**rapport tal-incident in kwistjoni a fol. 4 et seq** tal-process. Minn dan ir-rapport jirrizulta li l-vettura Toyota Vitz ACC 932 misjuqa mill-intimat Al Taroug garrbet hsarat estensivi kemm fuq quddiem tal-vettura kif ukoll fuq wara. Jirrizulta wkoll li l-vettura wkoll Opel Astra AAF 389 misjuqa mir-rikorrenti Anthony Dimech garrbet hsarat estensivi mill-parti ta' wara tal-passiggieri sa quddiem nett fuq iz-zewg nahat kif ukoll fis-saqaf. L-istess jirrizulta dwar il-vettura Honda KBJ 872 misjuqa mill-intimat Karol Grech li tista' tghid garrbet hsarat minn quddiem sa wara.

Ir-rapport jindika wkoll li r-rikorrent soffra diversi griehi gravi:

'Bilateral lung contusions Multiple fractures in pelvis open fracture kneww Laceration 1cm superficial over neck Fracture left metabulum right elbow abrasions Multiple right lumbar trasverse proven fractures.'

Ir-rapport jindika wkoll li l-intimat Karol Grech soffra griehi gravi kif isegwi:

'transverse fracture left humerus fracture giht talus 4cm laceration wound posterior left thigh 2x3cm LCW Anterior knee a& tghigh 2 small LCW's over chin and right cheek Briuse over right clevicle small abrasions over right ul and right ll'

Passiggiera f'din il-vettura bl-isem ta' Maria Bianco wkoll sofriet xi griehi hfief.

Il-versjoni tar-rikorrent **Anthony Dimech** fir-rapport taqra kif isegwi:

'Naf li tlajt it-tela tac-cimiterju u kont fuq il-lane ta' barra u magenbi kien hemm xarabank u dort mar-rounabout u qbatt it-Triq tal-barrani u ma niftakarx iktar x'gara wara.'

Il-Qorti rat li r-rikorrent **Anthony Dimech** xehed fl-atti wkoll permezz ta' affidavit a fol. 36 et seq tal-process. Dwar kif sehh l-incident jixhed kif isegwi:

'Meta gara l-incident jien kelli 27 sena u jiena kont qed insuq il-vettura tieghi numru AAF 389 u kont sejjer fid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb, meta f'daqqa wahda l-vettura numru KBJ 872 li kienet gejja mid-direzzjoni opposta, kienet involuta f'incident mal-vettura numru ACC 932 qabzet ic-central strip u habtet mal-vettura tieghi (Dok A – Road Accident Report) bir-risulat li l-vettura tieghi giet dannegjata konsiderevolment jien fl-incident sofrejt griehi ta' natura permanenti fil-grad ta' 12% kif ic-certifika t-Tabib Massimo Abela (Dok B). Ghal dan ir-rapport jiena hallast is-somma ta' €250.00 (Dok C).

Nixiteq nispejga illi sallum ghandi nbati l-konsegwenti tal-inncident billi mhux biss inhoss ugiegh fir koptiu f'gembi x-xellugija (ara Pag. 3 tar-Rapport ta' Dr. Massimo Abela) imma wkoll meta ikun qed insuq il-karozza ta' marti nhoss anzjeta u igheh mea nafas il-cluth

Illi konsegwena ta' dan l-incident jiena sofrejt griehi u ghamilt zmien twil ma' nidhol ghax-xoghl (mill 22 ta' Marzu 2015 sal 24 ta'

Settembru 2015) fil-korp tal-Pulizija fejn jien nahdem bhala Policeman (P C1608) u ili nghamel dan ix-xoghol ghald awn l-ahhar sitt (6) snin. Qed nesebixxi bhala Dok D sa Dok D 19 dettaljiet tas-shift allowance u special duty allowance illi jiena tlift bhala konsegwenza tal-incident u dana fl-ammont ta' € 1364.14. Nghid illi wkoll tlift extra duty fl-ammont ta' € 4452.10 u li sallum ghadni ma' nghamilx dan ix-xoghol minhabba li ma' nistax nghamel zmien twil bil wieqfa. Mipejga wkoll illi j iena wkoll spiccajt fuq half pay. Il-paga tieghi (gross pay) fil-korp fis-sena 2014 kienet tammonta ghal €26326.8 fis-sena (ara Dok E.).'

Ikompli jispjega li konsegwenza tal-griehi li sofra ma jistax jghin lil martu fid-dar, jghid li fuq ix-xoghol kellu prospetti li jiehu promozzjonijiet, li ghal zmien twil baqa jattendi fisjo terapija u kellu jixtri apparat specjali bhla mitrah, toilet frame ecc. Izid li l-ispejjez kollha ammontaw ghas-somma ta' €3629.92. Dwar il-vettura jghid li din giet dikjarata beyond economical repait u li qabel l-incident din kienet tiswa €2300 u ftit qabel kien nefaq is-somma ta' €900. Sad-data tal-affidavit cioe' d-9 ta' Novembru, 2016 jghid li qed jipretendi €11745.16.

A fol. 157 ir-rikorrent esebixxa erbatax-il ritratt mehuda minn martu tieghu stess fil-perjodu li kellu l-incident. Il-Qorti rat ir-ritratti li juru l-griehi li sofra r-rikorrent.

Rat a fol. 38 l-affidavit ta' mart ir-rikorrent **Xanthe Dimech**. Hija tikkonferma l-grieghi li jelenka r-rikorrent u l-ispejjez zejda li kellu jaghmel sabiex jixtri certu apparat. Tghid li meta huwa hareg mill-isptar kellha toqghod mieghu 24 sieha kuljum ghaliex ma setghax jimxi u kien il-hin kollu fis-sodda. Izzid li tlett xhur wara l'incident kellhom il-gurnata tat-tieg li ma setghux igawduha sew ghaliex hu kien ghadu bil-krozzi. Tikkonferma li sad-data tal-

affidavit cioe' 9 ta' Novembru 2016 ir-rikorrent ma setax jghinha fid-dar, ma jistax jerfa' affarijiet tqal u lanqas jista' jaghmel xoghol ta' 'maintenance'. Izzid li xi drabi hu tant ikun mugugh li ma jkunx jista' jorqod.

Rat minn fol. 39 sa fol. 136 id-dokumentazzjoni relattiva ghall-ispejjez allegati mir-rikorrent konsegwenza tal-incident u l-griehi li sofra. Inkluzi fihom rat id-dokumentazzjoni dwar l-introjtu tar-rikorrent u r-riduzzjonijiet li sofra fil-paga tieghu wara l-incident.

Dwar dan il-punt rat ukoll ix-xhieda ta' **Simon Agius**, Head of Salaries mal-Korp tal-Pulizija a fol. 178 et seq tal-process. Huwa kkonferma li 'on average' Pulizija li ma joghliex fl-iskala l-paga tieghu tizdied b'madwar €800 fis-sena. Jghid ukoll li bhala medja Pulizija bhar-rikorrenti fis-sena 2016 qalghu €4000 extra duties u li r-rikorrenti tilef madwar dan l-ammont konsegwenza tan-nuqqas tieghu mix-xoghol war a l-incident. Rat ukoll id-dokumentazzjoni esebita minn dan ix-xhud fosthom dokumentazzjoni dwar kemm ir-rikorrent dam fuq 'half-pay'.

Il-Qorti rat ukoll il-versjoni tal-intimat **Mohamed Al–Taroug** fir-rapport tal-pulizija taqra kif isegwi:

'Kont tiela minn Triq tal-Barrani u hassejt xi hadd li baqa diehel fuq wara tieghi u tefani gol-hajt u z-zewg karozzi spiccaw in-naha l-ohra tat-triq'

Ir-rapport jindika li kien hemm passigiera mal-intimat Al-Taroug li skont l-istess rapport jinghad li kkonfermat il-versjoni tieghu.

Rat li **Al Taroug** ( fol. 315) fl-istqarrija tieghu dwar l-incident esebita mill-Ispettur Spiridione Zammit jghid kif isegwi:

'Hrigna miz zejtun u mort lejn il gudja u hrigt ghat triq fejn hbattna minn din it triq tal-gudja minn fuq il-lights. Minn naha tal ghelieqi tfajt fuq in naha tac central strip u soqt man naha tas central strip u rajt mill-mera tan nofs il karozza sewda gejja bis salt u baqghet diehla go fija fuq wara u dahlet fis central stip u tlift il kontroll tal vettura tieghi bdejt indur bil karozza habtet quddiem mal hajt u daret dawra u waqaft f nofs tat triq. '

Jichad li kien ha xi droga u jghid li kien xorob biss red bull. Mistoqsi kif xhieda okulari qed jaghtu versjoni differenti minnu jghid:

'Li gara tal honda kien ghaddej bis salt fuq wara tieghi nahseb ipprova jghaddi ghax beda jross mieghi fuq il-lemin tieghi u jien ma kellix cans kont ser invwarrablu u smajt id daqqa.'

Jghid li jikkalkula li kien ghaddej b'xi hamsa u hamsin jew sittin kilometru. Mistoqsi kemm kien ilu fuq in-naha tas-central strip jghid li kien ilu mhux hazin u jzid:

'Kont ili mhux hazin, hu haseb li ser inwarrablu imma gie bis salt u ma tanix cans.'

Jichad li kien hu li dahar fuq il-Honda u kkawza l–incident.

A fol. 401 gie wkoll esebit l-istatement ta' **Salhiddin Al-Tourag** li inghata lis-socjeta' assikuratrici u jaqra kif isegwi:

'Jiena kont qed insuq karozza Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni ACC932.

Waqt li jien kont qed insuq il-karozza tieghi Toyota Vitz, karozza ohra tal-marka Honda Prelude bin-numru tar-registrazzjoni KBJ872 kienet gejja minn warajja fl-istess lane (karreggata) tieghi, fl-istess direzzjoni li kont miexi jien. Din il-karozza kienet gejja issuq b'sahha kbira u baqet diehla go fija minn wara. Wara li tatni daqqa fuq wara din kienet kawza biex jien tlift il-kontroll u tefghani bil-karozza fuq in-naha tax-xellug tat-triq u wara l-karozza tieghi regghat imxiet ftit fuq il-lemin..'

Rat l-iskizz li Al Taroug annetta mal-istatement tieghu a fol. 402 tal-process.

Il-versjoni tal-intimat l-iehor **Karol Grech** ukoll fir-rapport tal-pulizija taqra kif isegwi**:**

'Kont tiela mit-Triq tal-Barrani u kien hemm Vitz u qasam ghal fuq il-lane tieghi tani daqqa tellifli il-kontroll tal-vettura u spiccajt in-naha l-ohra tat-triq'

Il-Qorti rat ukoll l-istqarrija ta' **Karol Grech** datata l-1 ta' Mejju 2015 a fol. 26 et seq tal-process. Dwar kif sehh l-incident f'din l-istqarrija jghid kif isegwi:

'Dak inhar kienet fil garaxx kien hemm l-ispare keys taghha u ridt immur nara in nar tas siggiewi u hadtha mort ghat tfajla it triq ta' wied il ghajn, wasalt ghaliha xi t 8.30pm u qbadt il light tal-barrani minn fejn bulebel, fuq il-lights ilqajt mal kugin bernard debono kien bil mercecedes edtlu li sejjer nara in nar u hu qalli li kien ha jixtri pizza. Kien hemm iehor mieghu quddiem u kelli xi hadd iehor wara ma nafx jekk kienux aktar minn wiehed. . .

. . .Soqt minn fuq il lights kont in naha tax xellug tal ghelieqi qalbu l lights xeghelt l indicator ghal fuq il-lemin u mistoqsi nejd b

kemm kont ghaddej speed ghaddejt b xi sittin kilpmetru fis sigha qieghed jikkalkula b'kemm kont ghaddej u kif kont wasalt daqxejn il fuq mit triq li taghti ghal hal tarxien kien hemm vitz silver u naf xkulur ghax rajt il kaz fuq il labtop pero dak inhar kull ma rajt kien hemm din il karozza qed tinsaq fuq ix xellug tieghi naqra il quddiem minni u kiser ghal fo gija, dahal go fija, tilifli il kontroll u ma niftakar xej aktar.'

Mistoqsi jekk hux minnu li huwa saq b'velocita qawwija minn fuq il-light jghid 'jien ma kontx ghaddej li kont qed nitkessah'. Jichad li kien xorob xi alkol jew likien taht l-influwenza tad-droga. Jinsisti li l-intimat l-iehor kien ma genbu u tefa' ghal fuqu u li kieku l-intimat l-iehor rah ma kienx jifta ghal fuqu.

L-intimat **Karol Grech** jixhed ukoll permezz ta' affidavit a fol. 210 tal-process. Dwar l-incident huwa jixhed kif isegwi:

'Illi dakinhar kien hemm il-karozza t'ommi fil-garaxx tal-ghamla Honda Prelude bin-numru tar-registrazzjoni KBJ 872, hadt l-ispare key u tlaqt biha. Jiena ma mkontx naf li l-insurance ta' din il-karozza ma kinietx tikkoperani, u sir naf b'dan wara li gara li giara;

Illi meta wasalna fuq il-light tal-Barrani minn hdejn Bulebel, fuq il-lights iltqajt mal-kugin tieghi Bernard Debono li kien bil-Mercedes tieghu. Jien ghidtlu li kont sejjer nara n-nar tas-Siggiewi u hu qalli li kien sejjer jixtri pizza. Fil-karozza ma' kuginuwi kien hemm tal-inqas tnejn min-nies ohra, wiehed quddiem u iehor wara, imma mhux cert jekk wara kienx hemm iktar nies;

Illi meta soqt minn fuq il-lights, jien kont fuq in-naha tax-xellug u kont qed insuq b'xi sittin kilometre fis-siegha. Xghelt l-indicator u

qlibt il-lane ghal fuq il-lemin. Meta wasalt daqsxejn il-fuq fit-triq li taghti ghal Hal Tarxien, rajt karozza fuq ix-xellug tieghi ftit il-qddueim minni Wara l-accident sirt naf li kienet Vitz silver peress li kont rajt x'gara fuq l-ahbarijiet. Imma dak il-hin tal-accident kull ma rajt kienet din il-karozza tikser ghal go fija;

Illi meta kiser ghal fuqi, dahal go fija, tilifli l-kontroll tal-karozza tieghu u minn wara dan ma niftakar xejn aktar;'.

A fol .284 et seq tal-process l-intimat **Karol Grech** esebixxa dokumentazzjoni li tevidenzja l-griehi sofferti minnu konsegwenza tal-incident.

A fol. 367 et seq l-intimat **Karol Grech** jixhed in kontro-ezami. Jghid li mal-ewwel 'lights' fi Triq Tal-Barrani minghalih li kien hemm karozzi ohra qablu u qabel il-karozza ta' kuginuh mal-'lights'. Bernard kien fuq il-lemin u hu fuq ix-xellug. Sakemm lahaq it-tieni 'lights' tat-triq baqa dejjem fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Ma' dawn it-tieni 'lights' ukoll kien hemm il-vetturi qablu, quddiem Bernard Debono ma jafx. X'hin telqu minn mal-'lights' ghamel manuvra biex jidhol fuq in-naha tal-lemin quddiem il-vettura ta' Bernard Debono u jghid li xeghel l-'indicator'. Kien ghaddej bejn wiehed u iehor sittin, hamsa u sitttin kilometru. Mistoqsi jekk ziedx il-velocita' x'hin qaleb jaghzel li ma jwigibx biex ma jinkriminax ruhu. Mistoqsi fejn kienet il-vettura Vitz jghid li kienet ftit biss quddiemu fuq il-karreggata tax-xellug filwaqt li hu kien f'tal lemin imbaghad kiser fuqu bla indikatur. Jikkonferma li l-quddiem tal-vettura tieghu fil-lane tal-lemin kienet lahqet ir-rota tal-vettura Vitz fil-lane l-ohra. Kif kiser fuqu x-xhud tilef il-kontroll u ma jiftakar xejn izjed. Mistoqsi jekk il-manuvra li huwa qabel fil-lane tal-lemin u l-habta sehhux fl-istess h in lahaq ghadda l-hin jghid li ma jafx. Jghid li biex kiser fuq il-

lemin huwa hares lejn il-mera. Il-vettura ta' kuginuh kienet warajh fuq il-lane tal-lemin. Jghid li kienet it-tieni darba li kien qed isuq.

A fol. 211 xehdet ukoll **Maria Bianco** permezz ta' affidavit li tghid li kienet passiggiera mal-intimat Karol Grech kif isegwi:

'Illi meta wasalna fuq il-light Tal-Barrani minn hdejn Bulebel, fuq il-light iltqajna mal-kugin ta' Karol. Dan jismu Bernard Debono li kien bil-Mercedes tieghu. Karol qallu li konna sejrin naraw n-nar tas-Siggiewi u Bernard qallu li kien sejjer jixtri pizza. Fil-karozza ma' Bernard kien hemm zewg persuni ohra, wiehed quddiem u iehor wara, ghalkemm fuq wara jaf kien hemm xi hadd iehor imma mhux certa;

Illi meta Karol saq minn fuq il-light, hu kien qeighed isuq b'velocita normali u mhux eccssiva. Ahna konna fuq il-lane tax-xellug, xeghel l-indicator u qabez fuq il-lane tal-lemin. Meta wasalt daqxejn il-fuq fit-triq li taghti ghal Hal tarxien, smajt hoss ta' karozza gejja b'veolicita qawwija u wara ftit rajtha fuq ix-xellug tieghu tigi ghal fuqna u hassejt daqqa kbria fuq in-naha tieghi. Meta dahal go fina, Karol tilef il-kontroll tal-karozza u minn dak il-hin'il quddiem ma niftakar xejn iktar.'

It-tnejn jixhdu li dak li dahal fihom li kient qed isuq il-Vitz Silver llum il-gurnata harab minn Malta u ma jistax jinstab.

A fol. 382 et seq **Maria Bianco** xehdet in kontro-ezami. Hija tghid li kien l-ewwel darba li Karol Grech mar ghaliha bil-vettura in kwistjoni u li drabi qabel kien mar ghaliha imma b'karozzi ohra. Tikkonferma li kienu fuq in-naha tax-xellug fil-'lights' u tkellmu ma' Bernard Debono ghaliex kienu weqfin mal-'lights'. Ma

tiftakarx jekk waqfux mat-tieni 'lights' izda mbaghad tghid li kienu homor u waqfu. Tghid li mal-ewwel 'lights' il-vettura ta' Bernard Debono kienet fuq il-lemin imma ftit aktar lura. Izzid li l-karreeggjata Grech kien qalibha bejn l-ewwel ghat-tieni 'lights'. F'dan l-istadju tax-xhieda l-Qorti kif diversament preseduta tirrikonoxxi li l-'lights' in kwistjoni kif inhuma huma kumplessi w'ghalhekk tifhem li x-xhud titfixkel. Tghid li l-Vitz rata ftit sekondi wara li qabzu t-tieni 'lights' 'just' kemm rata. Tghid li x'hin Grech qala' minn fuq il-'lights' irranka ftit.

A fol. 162 et seq xehed l-**Ispettur Spiridione Zammit** li kien il-persuna nkarigata sabiex jinvestiga l-incident. Jixhed li rrizulta li l-vetturi tal-intimati kienu qed jinstaqu fl-istess direzzjoni lejn Rahal Gdid, ghal xi raguni dawn dahlu go xulxin u l-vettura Honda hadet is-'central strip', qabzitha u marret in-naha l-ohra tat-triq u dahlet gol-vettura tar-rikorrenti. Jghid li l-intimat Salah Adin kien gie ttestjat ghall-alkol izda kien negattiv. Isotni wkoll li l-passiggieri ta' Salah Adin kienu ddikjaraw li kienu raw il – Honda kienet qed tinstaq bi speed eccessiv, laqtithom u sehh l-incident. Izid li kien hemm xhieda certu Massimo Cini u Christopher Jones li raw li l-vettura Toyota kienet kisret fuq in-naha tal-lemin minghajr indicator u li l-Honda li kienet qed tigi misjuqa bi speed eccessiv intlaqtet, laqtet is-'central strip' u dahlet gol vettura tar-rikorrent. Jghid li l-istqarrija ta' Karol Grech kien hada hu. Izid li kellem ukoll lill-intimat l-iehor li kkonferma l-versjoni tieghu mal-incident li hass daqqa fuq wara tal-vettura tieghu mbaghad spicca kif spicca mahbut.

L-istess **Spettur Spiridione Zammit** gie riprodott mill-intimat Grech a fol. 302 et seq tal-process. F'din ix-xhieda jerga jikkonfermat li Al Taroug u l-passiggiera tieghu, li kienet allegat li kienet tqila, kienu rrifjutaw attenzjoni medika wara l-incident.

Jiftakar li fil-vettura ta' Al Taroug kien hemm hafna bottijiet tal-birra  u red bull imma mhux li kien hemm pirmli.  Fix-xhieda tieghu a fol. 312 et seq tal-process jesebixxi Statement ta' Muhammed Al Taroug (fol. 315), ta' Karol Grech a fol.  317, ta' Bernard Debono a fol. 320, ta' Massimo Cini a fol. 321 u ta' Christopher Jones a fol. 322 tal-process uhud  minn dawn gia saret referenza ghalihom aktar il-fuq.  Jikkonferma li d-data tat-twelid ta' Karol Grech hija dik tal-31 ta' Lulju, 1991. Il-Qorti tirrileva li l-emfasi fuq id-data tat-twelid tal-intimat  Grech issir partikolarment tul il-process kollu stante li rrizulta li l-karozza misjuqa minnu ma kienitx tkopri xufiera ta' anqas minn hamsa u tlein sena fl-eta'.

Il-Qorti rat ukoll il-kontenut tal-istqarrijiet l-ohra esebiti.  Fl-istqarrija tieghu ix-xhud **Christopher Jones** jikkonferma li ra lil Karol Grech jaqbizhom u jidhol quddiemhom b'velocita'  qawwija, giet il-vettura ta' Al Tourag mill-kareggjata ta' gewwa u ra l-bumper tal-Vitz misjuqa minn Al Tourag fuq il-lemin jahbat mar-rota tal-vettura misjuqa minn Karol Grech mbaghad ra l-vettura ta' Grech taqbez fil-karreggjata l-ohra.  Mistoqsi Al Tourag kellux indikatur mixghul jghid li le.

**Christopher Jones** xehed ukoll fl-atti odjerni a fol. 344 et seq tal-process.  Jghid li waqt li kienu ghaddejjin fil-vettura fi Triq tal-barrani fuq in-naha tal-lemin il-vettura ta' Karol Grech kienet fuq il-karreggjata tax-xellug izda mbaghad qabez quddiemhom fuq il-karreggjata ta' barra.  Ma jidhirlux li Grech kellu 'indicators' meta dahal quddiemhom jew ma nnutax:

'kif Karol dahal quddiemna jigifieri u konna qed insuqu, kisret il-karozza Vitz celesti u dahlet fuq Karol.'

Jixhed li fejn qabel waqfu mal-'lights' Grech kien fuq il-karreggjata tax-xellug hu huma kienu fuq il-karreeggjata tal-lemin. Jghid li ma kienux l-ewwel nies fuq il-'lights' u li kien hemm vetturi ohra qabilhom. X'hin hargu minn fuq il-'lights' il-karreggjata taghhom kienet aktar mexxejja izda mbagahd Karol Grech ghaddha minn naha tax-xellug u qabizhom. Jikkalkula li l-vettura li kien fiha hu kienet ghaddejja bejn wiehed u iehor bis-sebghin zgur filwaqt li Karol Grech kien ghaddej bi tmenin kilometru fis-siegha zgur. Il-vettura Vitz kien ra qabel imma mbaghad kif dahal Karol quddiemhom ra miexja u daqshekk ssir habta u ra dahna. Jghid li kif il-vettura ta' Karol Grech dahal ezatt quddiemhom kompletament fil-karreggjata huwa ra l-Vitz taqleb fil-karreggjata taghhom. Il-Vitz kienet dejjem quddiem il-karozza li kien fiha hu u l-karozza ta' Karol Grech. X'hin dahal Karol Grech quddiemhom ra il-Vitz taqleb il-lane bla 'indicator'. Skont hu l-impatt sehh in-naha tal-lemin ta' wara tal-Vitz min-naha ta' quddiem tan-naha tax-xellug tal-vettura ta' Karol Grech. Jghid li l-Vitz ma kienx ghaddej b'xi speed qawwi 'pero ovvjament jien ghalija li l-impatt ghax qeleb il-lane pero qed nassumi li kien mexxej b'sittin zgur'. Il-Vitz ma xeghelx 'indicator'. Sa x'hin sehh l-impatt kienu ghadhom ma lahqux il-liwja li hemm fit-triq. Jghid li l-incident sehh bejn it-tieni u t-tielet 'light' ta' Hal Tarxien. Dwar il-hoss qawwi fil-karozza ta' Karol Grech jghid li jassumi dan il-hoss kien ghaliex il-karozza ghandha s-'silencer' u taghmel il-hoss meta tingrana ftit u tkun ghaddej daqxejn b'sahhtek. Jikkonferma li l-vettura Vitz dejjem kienet qabel il-karozza ta' Karol Grech.

**Rat ix-xhieda ta' Bernard Debono** a fol. 226 et seq tal-process. Hu jghid li dak in-nhar tal-incident kienu ghaddejin bil-vettura tieghu u ltaqa' ma' Karol fuq il-'lights' tal-Barrani huma u hergin mill-fabbrika ta' Bulebel ghal Tal-Barrani, tkellmu u qallu li kien

sejjer jara l-festival tan-nar. Izid li qelbu l-'lights' minn ahmar ghal ahdar u saqu. Karol kien quddiemu u hu kien warajh fil-karregjata ta' barra tal-lemin. Il-vettura Toyota Vitz Silver kienet fuq il-karregjata ta' gewwa tax-xellug:

'u minghajr indicator xejn qassmet ghal gol-lane tal-lemin, habtet ma' Karol u Karol ma kellux fejn imur biex jevitaha u qabez ghan-naha l-ohra tat-triq.'

Jghid li hu kien qed isuq bi speed bejn sittin u sebghin kilometru u li kieku kien ghaddej bi *speed* aktar qawwi ma kienx jirnexxielu jieqaf u kien jahbat fihom.

In kontro-ezami jghid li minghalih li fuq il-'lights' huma kienu l-ewwel nies. Izid li huwa kugin ta' Karol Grech u li Karol kellu t-tfajla tieghu fil-karozza u hu kellu lil certu Chris Jones u Massimo Cini wiehed quddiem u l-iehor wara. Jghid li Karol qabzu u gie quddiemu fil-karregejata tal-lemin u dan billi qala' qablu minn fuq il-'lights'. Il-velocita ta' sebghin kilometru fis-siegha ma lahquhiex mill-ewwel izda qabel l-incident ghaliex l-incident ma sehhx fejn il-'lights' izda fejn ir-roundabout. Mistoqsi b'kemm velocita' kien ghaddej Karol Grech jghid li peress li kien quddiemu ma setax kien ghaddej aktar minn hamsa u sebghin, tmenin kilometru fis-siegha, fl-istess ilma tieghu.

Rat ix-xhieda tal-**PL Mario Buttigieg** li kien l-espert nominat fl-inkjesta Magisterjali sabiex jaghmel ir-rikostruzzjoni tal-incident in kwistjoni a fol 249 et seq tal-process. Jghid li l-incident sehh meta Al Taroug kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug, waqt li Karol Grech kien fuq il-lemin. Kif kienu ghaddejjin f'hin minnhom Al Taroug qaleb il-karreggjata min-naha tax-xellug ghal tal-lemin bil-konsegwenza li sehhet il-hatba, 'a swide sweep collision',

gemb ma gemb. Izid li Karol Grech gibed l-isteering lejn in-naha tal-lemin tieghu fejn baqa' tiela fuq is-'central strip' u konsegwentement giet karozza mid-direzzjoni opposta u sehhet it-tieeni habta mal-vettura tar-rikorrent. Jghid li bhala parti mir-relazzjoni tieghu huwa kien rega habbatt il-karozzi u l-hsarat li gew konstatati kienu fil-gnub biss. Hsara fuq wara jew quddiem ma kienx hemm tal-vetturi mela allura l-habta bilfors riedet isehh gemb ma gemb. Ix-xhud esebixxa wkoll ir-rapport tieghu a fol. 253 et seq tal-process fejn fih hemm ukoll il-versjonijiet tax-xufiera migbura minnu.

Fir-rapport tieghu il-PL Mario Buttieg jelenka li sema diversi xhieda fosthom dawn li jsegwu:

**Christopher Jones** a fol. 264 kif isegwi:

'Qabel ma sehh l-incident konna madwar tul ta' vettura boghod. Nghid li Karol Grech gie quddiemna u kien hemm li hu gie fuq il-karregjata tal-lemin. Qabel ma sehh l-incident konna madwar tul ta' vettura boghod. Nghid li Karol Grwch kien ghaddej b'velocita' b'sahhitha ta' madwar tmein (80kfs) sa disghin (90kfs) kilometru fis-siegha. Jiena ili nsuq ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs (2 1/2). Smajt hoss qawwi hiereg mis-silencer ta' Karol Grech. Kif dahal quddiemna rajt lil tal-Yaris jaqleb il-karreegjata bla sinjal ta' indikatur. Dak il-hin il-Yaris daret madwat tlett (3) darbiet u habtet fil-hajt tan-naha tal-lemin. Waqt li l-Prelude nqatat mill-art u marret fuq il-karregjata l-ohra u wara smajt hoss ta' habta ohra u rajt dahna.'

Rat ukoll ix-xhieda tax-xhud okulari l-iehor **Massimo Cini** a fol. 265 tal-process:

''Kif wasalna hdejn il-light li hemm fjen l-istatwa tal-Madonna waqafna, peress li kienu homor. Dak il-hin rajt l-kugin ta' Bernard Debono. Huma tkellmu u kif qaleb id-dawl inzilna flimkien. Debono kien fuq il-karregjata tieghu u kuginuh kien fuq il-karregjata l-ohra. Ergajna waqafna u kien regghu qalbu hodor, tlaqna. Minn hemm il-kugin ta' Bernard Debono qalana u gie fuq il-karregjata taghna. Kif wasalna hdejn l–ewwel set ta' lights qala' normali izda f'daqqa w'il-hin beda jzid il-velocita'. Kif il-kugin ta' Bernard Debono kien ghaddej fuq il-karregata ta' barra, l-Vitz qabad u qaleb il-karregjata minghajr ebda indikatur. Nghid li rajt il-Vitz bil-bumper ta' wara jahbat man-naha ta' quddiem tal-prelude bil-konsegwenza li l-Honda tar fl-arja u spicca li mar fuq is-centre strip. Dak il-hin rajt vettura ghaddejja fil-karregjata opposta u smajt hoss qawwi. Waqafna u hrigna u morna hdejn il-kugin ta' Debono.'

Rat ix-xhieda tal-intimat **Al Taroug** moghtija lill-espert kif isegwi a fol. 266:

' . . jiena kont qed insuq vettura ta' ghamlta Toyota mudell Vitz li ghanda n-numru tar-registrazzjoni ACC 932. Din il-vettura hi ta' habib tieghi li jismu Ezzadden Alin Bashir Farhat. Mieghi kelli l-habiba tieghi li jisimha Raia El Badr. Ahna konna gejjin mid-direzzjoni Zejtun u konna sejrin lejn in-naha ta' Hal-Tarxien. Jien kont qed insuq u gej minn naha tal-Gudja. Waqaft mal-light li hemm f'din it-triq u qalbu hodor. Wara jiena soqt il-fuq. Jiena qlibt il-karregjata u kont qed insq fuq in-naha tal-lemin ta' triq. Kif kont ghaddej mill-mera tan-nofs rajt vettura gejja b'velocita' qawwija. Jiena pruvajt naqleb il-karregjata tan-naha tal-lemin izda s-sewwieq l-iehor baqa diehel go fija minn wara. Jiena bid-daqqa tlift il-kontroll tal-vettura u anki hbat mal-hajt.'

**Rawia El Badr** ukoll tat ix-xhieda taghha lill-espert kif isegwi (fol. 267):

'Konna gejjin mill-Gudja fejn waqafna mal-lights. Kif hrigna bqajna fuq l-ewwel set ta' traffik lights li hemm gewwa Tal-Barrani. Dak il-hin ahna konna fuq in-naha tal-lemin. Kif qaleb ahdar tlaqna u Al Taroug baqa' jsuq fuq in-naha tal-lemin tieghu. F'hin minnhom jiena smajt hoss qawwi ta' karozza. X'hin smajt il-hoss jiena harist lura u rajt il-vettura u cioe il-Prelude tiela fuq il-bankina u kif tela' esatt sehhet il-habta ghal go fina. Bid-daqqa ahna morna fuq in-naha tax-xellug, waqt li l-Honoda abqghet mixja fuq is-centre strip sakemm dahlet fl-Oper. Waqt il-habta tal-Prelude dahal fir-rota ta' wara taghna.'

L-intimat **Karol Grech** xehed quddiem l-espert kif isegwi:

' . . Ghaddejt minn Bulebel Industrial Estate fejn hemm jiena waqaft fuq il-lights tal-Barrani. Waqt li jien kont wieqaf iltqajt mal-kugin tieghi Bernard Debono. Jiena staqsejtu fejn kien sejjer u hu wiegeb li kien sejjer jixtri l-pizza. Jien ghidtlu li konna sejrin naraw in-nar tas-Siggiewi. Kif hrigna erjat waqaft mal-ewwel set ta' traffik light li hemm gewwa tal-barrani. Qaljt bil-mod u dan nista nghidu bic-cert peress li kien hemm vetturi ohra quddiemi. Kif qlajt u sibt post vojt fuq in-naha tal-lemin tieghi, ghaldaqstant jiena xeghelt l-indikatur. Kont miexi dritt b'velocita ta' madwar sittin (60kfs) kilometru fis-siegha. Waqt li jiena kont fuq il-karregjata, tan-naha tal-lemin tieghi osservajt li l-Vitz kien fuq il-karregjata l-ohra. Minghajr l-ebda indikazzjoni ohra s-sewwieq tal-Vitz qabad u qaleb il-karregjata. Nghid li hu kien iktar il-quddiem minni. Kif kiser jiena dhalt fil-gemb tieghu. Ghaldaqstant bid-daqqa tilifli l-kontroll tla-vettura tieghi. Wara li

sehh l-impatt inftakarni tiela fuq is-centre stip u minn hemm ma niftakar xejn izjed.'

Il-qorti rat li l-espert il-**PL Mario Buttigieg** ghaddha wkoll sabiex fir-rapport tieghu jezamina l-hsarat ta' kull wahda mill-vetturi nvoluti u x-xena fejn sehh l-incident. Jindika li fejn sehh l-incident skont is-sezzjoni 127 tal-Motor Vehicle Regulation il-velocita' ta' vettura misjuqa go inhawi bhal dawn m'ghandix teccedi l-velocita' ta' tmenin (80kfs) kilometru fis-siegha ghalkemm aktar l-isfel fit-triq hemm speed camera li skonthu huwa permissibbli biss sittin (60kfs) kilometru fis-siegha.

Dwar id-dinamika tal-incident l-espert fir-rapport tieghu jikkonkludi kif isegwi:

'Illi mix-xhieda li ha l-esponent ta' xhieda okulari li kienu ghaddejjin dak il-hin u cioe' Maria Bianco, Bernard Debono, Christoper Jones, Massimo Cini, dawn kollha xehdu illi kif Karol Grech qabez l-ewwel set ta' traffika lights, l-istess Grech qaleb il-karregjata u cioe' mar fuq in-naha tal-lemin tal-karregjata. Illi t-Toyota giet minn wara u kif il-vetturi geew hdejn xulxin iz-zewg vetturi habtu fuq il-gemb taghhom.

Illi b'din l-informazzjoni f'idu l-esponenti seta' jaghmel il-kostruzzjoni tieghu kif sehh l-incident. Illi l-evidenza turi illi l-vettura Honda soffriet hsarat fuq quddiem tan-naha tax-xellug. Illi l-kieku sehher *front to rear* kif qed jallega Al-Tourag, u li kieku Grech veru kien qed jaghmel il-manuvra ta' overtaking l-evidenza turi li dan ma jaghmilx sens. Illi l-vettura Toyota Vitz kellha hsarat fuq il-gemb tan-naha tal-lemin, waqt li anki l-Honda kellha hsarat fuq quddien fuq in-naha tax-xellug. Ghaldaqstant dan juri li effettivament l-impatt sehh bejn il-vetturi fuq il-gemb taghhom,

bil-konsegwenza li Grech tilef il-kontrol tal-vettura tieghu u sussegwentement qaleb il-karregjata u dahal fil-vettura Opel Astra li kienet gejja mid-direzzjoni opposta u cioe' minn naha ta' Santa Lucija li kienet misjuqa minn Anthony Dimech ghad-dannu ta' Nazzareno Dimech. . . .

. . . Illi mill-indagni u l-evidenza li thalliet, l-esponent qed jikkonkludi illi l-habta sehhet meta Al-Tourag kien ser jaqleb il-karregjata tieghu bil-konsegwenza li habat mal-vettura Honda Prelude. Illi dan wassal sabiex Grech li kien qed isuq il-vettura tieghu tilef il-kontroll u l-vettura Honda marret fuq is-centre stip, qabzet fuq il-karregjata opposta u hemm habtet mal-vettura li kienet qed tigi misjuqa mid-direzzjon opposta minn Anthony Dimech.'

A fol. 405 et seq ikompli jixhed l-espert il-**PL Mario Buttigieg**. Jispecifika li fit-triq fejn sehh l-incident hemm tlett settijiet ta' 'traffic lights'. Jikkonferma wara li jara ritratti mill-ajru li t-triq in kwistjoni tilwi naqra fuq in-naha tal-lemin izda dan ma jaffettwax il-vizwali jghid izda li fl-analizi tieghu huwa ma dahalx fid-dettal tal-vizwali. Jinsisti li malli wiehed jaqbez il-'camera' li timponi 60km fis-siegha allura l-velocita' permissibli titla ghal dik ta' 80km fis-siegha. Jghid li fl-incident ma kienx hemm 'brake marks' kemm ghaliex il-vettura ta' Grech kellha l-ABS u d-dinamika tal-incident ma kinitx tinkludi brejk minhabba li kienet 'a side collision'. Il-vetturi kollha nvoluti sofrew hsarat kbar u kienu kollha 'total loss'. Il-hsarat tat-Toyota fil-maggor parti kienu fuq in-naha tal-lemin tal-vettura, il-Honda fuq in-naha tax-xellug u fuq in-naha tal-lemin quddiem u l-Opel kienet frontali in vista li habtet mal-vettura Honda. Jaqbel li l-Honda kella magna ferm aktar b'sahhitha mit-Toyota Vitz u jghid li bhala vettura sportiva

anki int u zzid l-ispeed ser tisma s-'silencer' jirrevja. Ma sabx li l-vettura Honda kienet b'xi mod modifikata ghal aktar 'speed'.

Il-Qroti rat ir-ritratti tal-vetturi involuti nkluzi fir-rapport tal-Pl Mario Buttigieg esebit ghat-tieni darba a fol. 413 et seq.

L-istess **PL Mario Buttigieg** ikompli jixhed a fol. 437 et seq tal-process fejn jghid li l-Magistrat inkwirenti ma kinitx innominat Perit sabiex jirrelata dwar l-incident. Jispjega li l-karozza misjuqa minn Karol Grech qabel ma habtet mal-vettura tar-rikorrent, x'hin qabzet is-'central strip' laqtet ukoll xi sigar. Mistoqsi dwar il-velocita tal-vettura tal-intimat Grech mal-impatt b'referenza ghal hsara li tidher fir-ritratti jghid li bhala impatt kien wiehed vjolenti izda ma jistax jghid bhala velocita. Kien impatt vjolenti ghaliex habat ma' karozza li kienet gejja kontra tieghu. Jghid li huwa kien irrakomanda li jittiehdu passi kriminali fil-konfront ta' Karol Grech dwar velocita' eccessiva ghaliex kien hemm xhieda li anki kkalkolaw il-velocita' tieghu u ndikawha bhala l-fuq minn tmenin kilomteru. Izid li l-vettura ta' Grech apparti s-'side sweep' (daqqa) mal-vettura tal-intimat l-iehor, qabzet is-'central strip' u messet mas-sigar baqghet miexja distanza qabel ma habtet 'head on' mal-vettura tar-rikorrenti u kien impatt vjolenti. Jghid li dan hadu wkoll in konsiderazzjoni fir-rakomandazzjoni tieghu sabiex jittiehdu passi fil-konfront ta' Grech fuq velocita' eccessiva.

A fol 359 et seq xehdet **Rawia El Badr** fl-atti odjerni. Tghid li hi kienet fil-vettura mal Al Taroug. Waqfu fuq il-'lights' imbaghad baqaw isuqu. It-triq li kienu fiha ghandha zewg karreggjati fuq kull naha. Tghid li kienu qed isuqu fuq in-naha tal-lemin cioe' mas-'central strip'. Kienu qed isuqu normali 'relax':

'Jien li niftakar dak il-hin ahna u nsuqu hin minnhom kif qbizna t-traffic lights nisma hoss qawwi ta' karozza, indawwar wicci u nara dan ma min hbatna. Kien qed isuq naqra mux hazin. Imbgahad hin minnhom hadni d-daqqa fuq wara tal-karozza, dorna u ergghajna u spiccja gol-hajt.'

Tispjega li semghet hoss qawwi ta' karozza qed jaghfas il-gas. Jghid li l-karozza ntlaqtet fuq in-naha tal-lemin filwaqt li kienu ghadhom fil-karreggjata tal-lemin. Tghid li mad-daqqa qasmu n-naha l-ohra tax-xellug fejn hemm il-hajt, laqtu l-hajt mbaghad daret il-karozza. Izzid li kienet tqila madwar tlett xhur u tilfet it-tarbija. Tghid li huma fl-ebda hin ma qalbu fuq il-karregjata ta' gewwa tax-xellug ghaliex ma kienx hemm triq twila bejn il-'lights' u l-incident. Tinsisti li baqghu dejjem fuq il-lemin fuq in-naha ta' l-iscott supermarket.

Hija tixhed in kontro-ezami a fol. 505 et seq tal-process. Tinsisti li kienu ghaddejjin bil-vettura fil-karreggjata tal-lemin. Il-karozza ta' Grech kienet warajhom. Tghid li x'hin qabdu jsuqu kienet warajhom ghaliex hi bdiet tisma hoss qawwi ta' 'silencer' qabel ma gara l-incident. Tixhed li hi harset lura minn naha tal-lemin minhabba l-hoss u ratu gej isuq bis-sahha. Il-karozza kienet wahda sportiva kellha l-hoss tas-'silencer' minn dak li jdejqek. Mistoqsija x'gara filli tghid li kien qed isuq hdejhom u huma ma setghux, ma telqux u baqghu fuq il-lemin u mbaghad tghid li kien hu warajhom ukoll fuq il-lemin u prova jaqbizhom ma rnexxilux u laqathom fuq il-lemin tal-vettura li kienet fiha, fuq wara. Mad-daqqa l-karozza li kienet fiha hi skiddjat lejn ix-xellug u dahlet gol-hajt. Tghid li bil-mod kif beda jsuq Grech kien qisu qed jisfida fit-triq. Tghid li skont kif semghet hi mhux hoss ta' sewqan normali ta' karozza ghax kien hoss qawwi. Izzid li prova jaqbizhom u ma rnexxilux, beda jitkessah fit-triq u hasbet li kien

ser isehh xi incident. Tghid izda li ma' min kienet hi fil-karozza ma bediex isuq bis-sahha nonostante li kien skont hi qed isuq fl-istess karreggjata ta' Grech quddiemu. Tghid illi kieku seta' ma min kienet riekba hi kien jidhol il-gewwa fil-karreggjata tax-xellug biex jevita lil ta' warajh cioe' lil Grech imma kien hemm karozza ohra. Tikkonferma li mad-daqqa l-karozza li kienet fiha hi skiddjat lejn ix-xellug u dahlet fil-hajt. Mistoqsija jekk taqbilx li kien Al Taroug, cioe' ma min kienet hi fil-vettura, li dahal fil-karozza ta' Grech tghid li hi ma tafx x'ghamel ghaliex mhux hi kienet qeda ssuq. Tghid li t-tarbija li tilfet konsegwenza tal-incident kellha erba' xhur. Izzid li ffirmat biex telqet mill-Isptar minhabba t-tfal l-ohra li kienu ma ohtha izda l-ghada filghaxija kellha terga tidhol, tilfet it-tarbija u ghamlulha raxkament.

A fol. 299 xehed **Kenneth Camilleri** rapprezentat tas-socjeta' kjamata fil-kawza Mapfre Middlesea plc. Jghid li l-vettura ACC 932 misjuqa minn Al Taroug kienet koperta biss 'third party'. Izid illi dahlet 'claim' fuq l-incident in kwistjoni.

Il-Qorti rat a fol. 433 et seq tal-process ir-ritratti kemm mill-ajru u ohrajn tat-triq in kwistjoni esebiti mis-socjeta' kjamata fil-kawza.

A fol. 449 A xehed **George Stagno Navarra** rapprezentant tas-socjeta' intervenuta Elmo Insurance Limited. Jghid li l-vettura misjuqa minn Grech Honda Prelude KBJ 972 kienet assikutata mal-Elmu f'isem Mary Grace Grech u li fil-polza kienu indikati biss bhala xufiera l-isteess Grace Grech u Mario Grech. Persuni ohra li jsuquha mhux koperti fl-assikurazzjoni. A fol. 450 et seq jesebixxi kopja tal-poliza in kwistjoni.

**Persentagg disabilita' permanenti:-**

Rat ir-rapport mediku redatt minn **Mr. Massimo Abela** (fol. 18 et seq) relatat mal-griehi sofferti mir-rikorrent Anthony Dimech. Dan ir-rapport ex-parte jindika grad ta' disabilita' permanenti ta' **12%**. Rat li dwar dan ir-rapport fil-verbal tal-20 ta April, 2017 quddiem din il-Qorti diversament preseduta giet dikjarat li 'mhix mehtiega l-ahjar prova fir-rigward tal-awtenticita' tar-rapport ta' Mr Massimo Abela li jinsab ezebit a fol. et seq tal-rpocess b'dan izda li fi kwalunkwe kaz l-avukati difensuri tal-konvenut Karol Grech qed jirriservaw id-dritt tal-kontroezami.

Rat ukoll ir-rapport tal-espert mediku nominat mill-Qorti **Mr. Carmel Sciberras a fol. 169** et seq tal-process. Wara li ghamel l-ezamijiet tieghu l-espert mediku jindika l-impressjonijiet u l-konkluzjonijiet segwenti:

**'<u>IMPRESSJONI</u>:** Is-Sur Dimech garrab hsara mhux hazin minhabba dan l-incident.

Il-ksur tat-trasverse processes tal-ispina lumbari ghaqad izda l-muskoli li mqabbdin maghhom garrbu hsara wkoll u fiequ bic-cikatrici. Ghalhekk, is-Sur Dimech jibqa' jbati xi ftit minn ugigh f'dahru l-aktar jekk jipprova jerfa' jew jitbaxxa.

Il-ksur tas-sacral ala jista' jaghtih xi ftit ugigh ta' dahar fuq in-naha t'iself.

Il-skur tal-acetabulum jista' jwassal biex is-Sur Dimech jizviluppa artrite f'din il-'hip joint' xellugija qabel il-waqt. Dan minhabba li l-ksur baraxlu l-gog.

Fil-irkobba xellugija wkoll minhabba l-ksur li barax il-gog, jisgta' jivziluppa l-artrite f'din l-irkobba qabel il-waqt. Barra minn hekk

dejjem ser jibqa' jbati xi ftit fit-tarag, slielem u biex joqghod kokka, jigri ecc.

Madankollu, l-fatt hu li s-Sur Dimech qed jerga jaghmel ix-xoghol li kellu qabel minghajr ma jiehu 'sick leave'.

**<u>DIZABILITA': </u>13% (tlettax fil-mija).'**

**Responsabilita':**

Illi mill-atti huwa car li r-rikorrent Anthony Dimech inzerta fil-post il-hazin fil-hin il-hazin u spicca vittma tal-incident li originarjament beda minn habta bejn il-vetturi taz-zewg intimati. Bl-ebda mod ma jista' jitqies li r-rikorrent kellu xi responsabilita' ghall-incident de quo.

Illi ghal dik li hija l-habta originali bejn l-intimati jirrizultaw fl-atti zewg versjonijiet konfliggenti bejn l-intimat Al Taroug u l-intimat Grech. L-intimat Al Taroug jghid li sa mill-ewwel 'lights' huwa kien u baqa' jsuq fuq il-karreggjata tal-lemin cioe' dik tan-naha tas-'central strip'. Isostni li Grech beda jsus warajh u jiprova jaqbzu, hu ma kellux fejn imur ghax skont hu kien hemm xi hadd iehor fuq ix-xellug u b'hekk sehhet il-habta li tefghet il-vettura ta' Al Taroug lejn ix-xellug ghal gol-hajt u l-vettura misjura minn Grech lejn il-lemin fejn qabzet is-'central strip' u habtet mal-vettura tar-rikorrenti Dimech. Din il-versjoni hija b'xi mod sopportata biss minn dik tal-passiggiera ta' mieghu Rawia El Badr li tixhed li dejjem baqghu fuq il-karreggjata tal-lemin, semghet is-'silencer' tal-vettura sportiva ta' Grech minn wara u tiddeskrivih li kien qed jitkessah u jiprova jaqbizhom u sehh l-incident. Dawn it-tnejn jinsistu li Grech kien qed isuq b'velocita' qawwija. In kontro-ezami izda Rawia El Badr qalet li hijha ma tafx x'ghamel

Al Taroug jekk kienx hu li dahal go Grech ghaliex ma kinitx hi li kienet qeda ssuq.

Illi da parti tieghu Grech jammetti li mal-ewwel 'lights' huwa kien fuq il-karreggjata ta' gewwa u anki mat-tieni 'lights'. F'mument minnhom huwa mill-karreggjata ta' gewwa qabez il-vettura ta' kuginuh Bernard Debono li kien qieghed fil-karreggjata ta' barra u gie quddiemu. Dwar il-velocita tieghu jghid li ma kienx qed jitkessah u jichad li qabez it-tmenin kilometru fis-siegha. Dwar l-incident jghid li x'hin kien fuq il-karreggjata ta' barra il-vettura ta' Al Taroug qabdet u dahlet mill-karreggjata tax-xellug ghal-lemin minghajr ebda indikazzjoni u sehhet il-habta. Jikkonferma li huwa qabez is-'central strip' bil-karrozza u wara ma jiftakar xejn aktar. Din il-versjoni hija korroborata minn dik tat-tfajla passiggiera mieghu Maria Bianco.

Il-versjoni li kien Al Taroug li mill-karreggjata tax-xellug qabad u hareg ghall-karreggjata tal-lemin minghajr ebda indikazzjoni hija korroborata minn tlett xhieda okulari ohra li kienu f'vettura ohra li kienet qed tigi misjuqa wara dik ta' Grech cioe' Bernard Debono, Christopher Jones u Massimo Cini. Dawn ix-xhieda izda jikkorroboraw ukoll dik il-parti tal-versjoni tal-intimat Al Taroug li sostna li Grech kien qed isuq b'velocita' qawwija, fil-fatt ix-xhud Christopher Jones jixhed li jikkalkula li Grech kien qed isuq oltre it-tmenin kilometru fis-siegha sa disghin kilometru fis-siegha x'hin qabizhom u gie quddiem il-vettura li kien fiha hu.

Illi t-triq li fiha kienu qed isuqu l-intimati giet kunsidrata mill-espert tekniku l-PL Mario Buttigieg fl-atti tal-inkjesta li hija triq li fiha, apparti dik il-parti fejn hemm l-'ispeed camera', tippermetti skont ir-regolamenti sewqan ta' mhux aktar minn tmenin kilometru fis-siegha. Is-socjeta' kjamata fil-kawza Mapfre

Middlesea plc ma taqbilx dwar dan ma' dak li jikkonludi l-espert in vista tal-ezistenza tal-'ispeed camera' u li t-triq fiha l-bini fuq iz-zewg nahat. Illi din il-Qorti tqis li fi triq fejn fil-vicinanzi hemm 'speed camera' li timponi sewqan ta' mhux aktar minn 60 kilometru fis-siegha din ma tistax titiqies li malli wiehed jaqbez din il-camera allura jista' jzid l-ispeed ghal 80 kilometru fis-siegha w'ghalhekk dwar dan taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta' kjamata fil-kawza. Huwa ovvju li la darba l-'ispeed camera' timponi speed ta' 60 kilometru fis-siegha dan ghandu jibqa' japplika sakemm senjaletika ohra fit-triq ma turix mod iehor. L-istess espert tekniku l-PL Mario Buttigieg xehed li ma kien hemm l-ebda senjaletika ohra wara l-'ispeed camera' f'din it-triq sa fejn sehh l-incident allura l-Qorti tikkonkludi li l-istess 'speed' kien ghadu japplika cioe' dak ta' 60 kilometru fis-siegha. Illi fi kwalunkwe kaz il-fatti huma li l-intimat Grech nonostante li waqaf fuq zewg 'traffic lights' sal-mument li sehh l-incident wara t-tieni 'traffic lights' jammetti li qabez il-vettura ta' Debono u dahal quddiemha b'dana li bilfors kellu jzid l-'ispeed'. Ix-xhieda l-ohra lkoll xehdu li Grech kien qed isuq b'velocita' qawwija tant li wiehed mix-xhieda kkalkula li anki qabez it-80 kilometru fis-siegha, u possibilment tela' sa 90 kilometru fis-siegha, ghalhekk anki li kienu l-limitu kien ta' 80 kilometru fis-siegha jirrizulta li fil-mument tal-incident Grech kien qabez dan il-limitu ta' velocita'. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-fatt li bid-daqqa l-vettura tal-intimat Grech qabzet is-'central strip' u laqtet xi sigar u nonostante dan marret fuq il-karreggjata l-ohra, baqghet miexja u habtet b'mod vjolenti fil-vettura tar-rikorrenti Dimech (kif xehed il-PL Mario Buttigieg) jevidenzja wkoll li Grech kien qed isuq b'velocita' qawwija x'hin sehh l-incident.

Illi izda l-fatt li din il-Qorti qed tikkonkludi li Grech kien qed isuq b'velocita' oltre l-limiti fil-karreggjata ta' barra ma jfissirx li huwa

awtomatikament responsabbli ghall-incident *de quo* jew unikament responsabbli. Dan qed jinghad in vista li kemm l-intimat Grech kif ukoll erba' xhieda okulari lkoll xehdu li Al Taroug kien qed isuq fuq il-karreggjata tax-xellug u minghajr ebda indikazzjoni qabad u qasam ghal fuq il-karreggjata tal-lemin u b'hekk il-vettura ta' Grech habtet mar-rota tal-lemin ta' wara u l-bumper tal-vettura ta' Al Taroug u sehh l-incideent. L-espert il-PL Mario Buttigieg ikkonferma ma' din il-Qorti li effettivament mill-hsarat fil-vetturi tal-intimati, fejn huwa wkoll rega' habbat il-vetturi sabiex jivverifika kif sehhet il-habta jirrizulta li l-habta kienet 'side to side' u mhux kif qed jixhed l-intimat Al Taroug li Grech dahal fuqu minn wara ghax prova jaqbzu fuq l-istess karreggjata tal-lemin. Illi l-Qorti tqis li l-provi fl-atti jwasslu sal-konvinciment tal-grad tal-prova rikjesta li effettivament l-intimat Al Taroug kien qed isuq il-vettura tieghu fil-karreggjata tax-xellug ftit il-quddiem mill-vettura ta' Grech, Al Taroug iddecieda ghal xi raguni li johrog fuq il-karreggjata ta' barra u dan ghamlu minghajr ebda indikazzjoni u minghajr ma ezercita' 'proper look out' dwar x'kien gej warajh fuq il-karreggjata tal-lemin, tant li mkien fix-xhieda tieghu ma xehed li hu ghamel xi sinjal jew hares lejn il-mera. Il-Qorti tqis illi kieku Al Taroug imqar hares lejn il-mera kien jara lil Grech gej sparat u ma kienx jaqbez il-karreggjata u l-incident ma kienx isehh. Li kieku wkoll Al Taroug imqar xeghel l-indikatur biex juri l-intenzjoni tieghu li jaqbez ghall-karreggjata ta' barra forsi Grech kien jarah u jnaqqas il-velocita' eccessiva tal-vettura tieghu u possibilment anki f'dan il-kaz l-incident seta' jigi evitat.

Ghandu jinghad izda li kieku Grech ma kienx qed isuq bil-velocita' eccessiva li rrizulta li kien qed isuq biha, ghaliex ukoll hareg pruvat li kien qed jitkessah bil-karozza probabilment ghaliex kien hemm kuginuh fil-vettura l-ohra, wkoll l-incident ma kienx isehh ghaliex kien ikun aktar facli ghalih li jinnota l-vettura

ta' Al Taroug ser tibdel il-karreggjata nonostante li minghajr indikazzjoni.

Illi ghaldaqstant in vista tas-suespost l-Qorti tqis li r-responsabilta' tal-incident tinkombi ugwalment fuq iz-zewg intimati Karol Grech u Salahiddin M Mohammed Al Taroug nofs bin-nofs. Is-socjeta' intimat Elmo Insurance Limited intervenuta fil-kawza u s-socjeta' Mapfre Middlesea plc ghalhekk ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti ukoll nofs bin-nofs, salv il-jeddijiet taghhom fil-konfront tal-intimati personalment jekk ikun il-kaz.

**Danni:**

**Damnum emergens:-**

Illi l-Qorti rat li r-rikorrent prezenta evidenza dokumentarja ta' danni *damnun emergens* fis-somma ta' €11,382.02 li tinkludi telf ta' dhul minnn 'extra duties', 'shift work' u 'allowances ghal xoghol fil-Hdud u Festi', spejjez ta' medicinali, fizjoterapikja u tobba u wkoll is-somma li skont hu kienet tiswa l-vettura AAF 389 fis-somma ta' €2300. Fis-sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent jghid li hadd fl-atti ma kkontesta din il-pretensjoni izda jirrizulta li dan mhux minnu. Fil-fatt is-socjeta kjamata fil-kawza tikkontesta l-ammont pretiz ghall-vettura fis-somma ta' €2300 abbazi ta' zewg lanjanzi, l-ewwel wahda ghaliex irrizulta fl-atti li l-vettura ma kinitx proprjeta' tar-rikorrent izda ta' missieru Nazzerano Dimech u dan effettivament jirrizulta mill-provi (ara r-rapport tal-pulizija a fol. 8 tal-process. Ghalhekk ssostni li l-ammont jekk jirrizulta mhux dovut lir-rikorrenti izda lil terz mhux parti fil-kawza. In oltre t-tieni lanjanza hija fuq il-bazi li l-'market value' tal-vettura

kien anqas minn dak pretiz mir-rikorrent fis-somma ta' €1,200 kif johrog mir-rapport tal-Perit Tekniku.

Illi l-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-kjamata fil-kawza li kwalunkwe danni relatati mal-vettura mhumiex dovuti lir-rikorrent stante li mhux is-sid tal-vettura w'ghalhekk id-danni *damnum emergens* fl-atti ppruvati jammontaw ghas-somma ta' disat' elef u tnejn u tmeni Euro (€9082).

**Lucrum Cessans:-**

Illi ghalkemm jirrizulta li r-rikorrent fis-sena tal-incident cioe' s-sena tal-2017, li kieku r-rikorrent ma sofra l-ebda griehi huwa kien idahhal paga ta' madwar €16,098.65 flimkien ma zieda ta' €800 , cioe total ta' €16,895.65 (kif xehed ir-rapprezentat tal-Korp li kkonferma li bhala medja l-paga tieghu kienet mistennija tizdied bi €800 fis-sena u liema somma ma tinkludix l-extra, shift ecc) huwa qed jitlob li din il-qorti tahdem il-*lucrum cessans* dovut lilu fuq paga originarjament ta' €26326.80 li tirrifletti s-sena 2014 bl-extras kollha li kieku hadimhom u jzidha ghas-somma ta' €37,000. Il-Qorti tirrileva li l-extras tas-sena 2015 li ntilfu konsegwenza tal-incident gia gew inkluzi fil-kalkolu tad-*damnum emergens*. Ir-rikorrent jsostni s-somma ta' €37,000 ghaliex jiehu kont taz-zidiet li mistennija jiehu kull sena w'ghahekk iz-zieda fil-paga kif ukoll jinkludi fil-kalkolu ix-xoghol *extra*.

Ir-rikorrenti jsostni wkoll li din il-Qorti ghandha tapplika multiplier ta' 34 sena in tal-eta tieghu fid-data tal-incident cioe' dik ta' 26 sena sal-eta' u l-eta tal-irtirar tieghu li jindikaha bhala dik ta 65 sena.

Finalment il-persentagg ta' disabilita' li japplika r-rikorrent fil-kalkoli tieghu huwa dak ta' 13 % kif konkluz mill-espert nominat mill-Qorti. Izid li ma ghandu jitnaqqas xejn bhala 'lump sum reduction' u jibbaza din il-pretensjoni tieghu ghaliex skond hu s-somma mihiex ser tithallas lilu fi zmien qasir mill-incident.

Is-socjeta' kjamata fil-kawza fis-sottomissjonijiet taghha ma taqbilx ma' dawn il-pretensjonijiet. Tinsisti li bhala medja ta' paga ghandha tittiehed is-somma ta' €19,328.04 cioe' somma li tinkludi wkoll effett tal-inflazzjoni b'zieda ta' 1.18% fis-sena. Tissottometti wkoll li rrizulta li fi kwalunkwe kaz ir-rikorrent xorta wahda ser jibqa jaghmel is-sahra u l-extras ghalhekk dawn m'ghandhomx jittiehdu kont ai fini ta' kalkolu tad-danni. Dwar il-*multiplier* tissottometti li l-Qorti ghandha tiehu kont tal-fatt li fix-xoghol tieghu Pulizija huwa mistenni li jirtira wara 25 sena servizz u johrog bil-pensjoni ghalhekk tinsisti li l-multiplier m'ghandux jeccedi it-30 sena. Dwar il-'lump sum reduction' tghid li dan ghandu jitnaqqas biss bin-numru ta' snin li ilha pendenti l-kawza u jinzel ghal 14 %.

Illi l-Qorti taqbel mal-kjamata fil-kawza li l-pretensjoni ta' paga ta' €37,000 sabiex jinhadem il-*lucrum cessans* hija wahda esagerata anki ghaliex il-paga tar-rikorrent kienet ferm anqas minn hekk fiz-zmien li sehh l-incident. In oltre taqbel ukoll mal-kjamat fil-kawza li m'ghandux jittiehed kont ta' dik il-parti mill-paga li tirraprezenta extras, xoghol hdud u festi ecc stante li minn imkien ma rrizulta li dan ix-xoghol mhux kapaci jibqa' jaghmlu r-rikorrenti u jdahhal dawn il-flejjes. Il-Qorti tqis ghalhekk li sabiex tiehu kont tal-fatt li l-paga tar-rikorrenti tul is-snin hija mistennija li toghla izda wkoll tal-paga kif kienet fis-sena li sehh l-incident tqis li jkun ekwu u gust li bejn il-partijiet tapplika paga basi ta' €20,000.

Illi dwar il-*multiplier*, il-Qorti tqis li ghalkemm huwa minnu li Pulizija huwa mistenni li jirtira wara 25 sena servizz dan bl-ebda mod ma jfisser li l-persuna ma tibqax produttiva u li ma jkollhiex il-possibilita' li taqla paga. Li kellu jigi applikat dan il-principju allura jkun wiehed jaqbillu jtajjar pulizija u mhux persuna ohra, kuncett li huwa fl-opinjoni ta' din il-Qorti redikolu. Il-Qorti wkoll tqis li fic-cirkustanzi tal-hajja tal-lum huwa difficli ferm li persuna tieqaf tkun produttiva qabel l-eta pensjonabbli ta' 65 u huwa ghalhekk li ghandu jigi applikat multiplier ta' 34 kif propost mir-rikorrent li lanqas ikopri s-snin kollha bejn l-eta tal-incident sad-data tal-irtirar.

Il-Qorti taqbel li bhala persentagg ta' disabilita' ghandu japplika dak moghti mill-espert tal-Qorti cioe' dak ta' 13%.

Ghal dik li hija riduzzjoni stante l-'lump sum payment' il-Qorti rat li l-incident sehh f'Marzu 2015, il-kawza giet intavolata f'Ottubru 2016 u qed tasal ghal konkluzjoni taghha f'April tas-sena 2023. Ghalhekk jirrizulta li mid-data tal-incident ghaddew tmien snin ghalhekk kalkolat 2% ghal kull sena li ddekorriet tqis li ghandu jitnaqqas biss persentagg ta' 4%.

Isegwi li l-**Lucrum Cessans** dovut lir-rikorrent ghandu jigi kalkolat kif isegwi:

€20,000 x ~~35~~[1] 34 x 13% - 4% = ~~€87,360~~[2] 84,864.

[1] Korrezzjoni awtorizzata permezz tad-digriet datat 5 ta' Gunju 2023.
[2] Korrezzjoni awtorizzata permezz tad-digriet datat 5 ta' Gunju 2023.

**Total ta' Damnum Emergens u Lucrum Cessans fis-somma ta' ~~sitta u disghin elf, erba' mija u tnejn u erbghin Euro (€96,442)~~[3] tlieta u disghin elf, disa' mija u sitta u erbghin Euro (€93,946).**

Illi finalment dwar l-imghaxijiet il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mir-rikorrent li jipretendi imghax li jmur lura s-snin u dan stante li s-somma pretiza minnu qed tigi biss likwidata permezz tad-decizjoni odjerna ghalhekk la darba l-ammont qed jigi likwidat llum, l-imghax ghandu jibda jiddekorri mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u tas-socjeta' kjamata fil-kawza in parte sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara lill-intimati Karol Grech u Salahiddin M Mohammed Al Taroug ugwalment responsabbli ghall-incident in kwistjoni u d-danni relattivi minhabba traskuragini u negligenza;

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent Anthony Dimech fis-somma komplessiva ta' **~~sitta u~~**

---

[3] Korrezzjoni awtorizzata permezz tad-digriet datat 5 ta' Gunju 2023.

~~**disghin Elf, erba' mija u tnejn u erbghin centezmu (€96,442)**~~[4] **tlieta u disghin elf, disa' mija u sitta u erbghin Euro (€93,946).**

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimati Karol Grech flimkien mas-socjeta' intervenuta fil-kawza Elmo Insurance Limited u Salahiddin M Mohammed Al Taroug flimkien mas-socjeta' kjamata fil-kawza Mapfre Middlesea plc jhallsu lir-rikorrent Anthony Dimech nofs is-somma kull wiehed tas-somma ta' ~~**sitta u disghin Elf, erba' mija u tnejn u erbghin centezmu (€96,442)**~~[5] **tlieta u disghin elf, disa' mija u sitta u erbghin Euro (€93,946)** hekk likwidata in linea ta' danni flimkien mal-imghaxijiet mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' Ittra bonarja 26 ta' Lulju 2016 nofs bin-nofs bejn l-intimati Al Taroug u Grech (kif rapprezentati wkoll mis-socjetajiet kjamata fil-kawza u intervenuta).

Salvi u mpregudikati l-jeddijiet tas-socjetajiet assikurattivi nvoluti fil-konfront tal-assikurati taghhom jekk huwa l-kaz.

**Moqrija.**

---

[4] Korrezzjoni awtorizzata permezz tad-digriet datat 5 ta' Gunju 2023.

[5] Korrezzjoni awtorizzata permezz tad-digriet datat 5 ta' Gunju 2023.

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' April 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**27 ta' April 2023**